IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.9.2026
COM(2026) 514 final

2026/0291 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex ir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ("id-Direttiva tal-VAT"[1]), il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru biex japplika miżuri speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew biex jipprevjeni ċerti forom ta' evażjoni jew ta' evitar tat-taxxa.

Skont il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (issa msejjaħ il- "Qafas ta' Windsor"[2]) għall-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[3], id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE fil-qasam tal-VAT li jikkonċernaw l-oġġetti japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512[4], ir-Renju Unit ingħata awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 395(1) tad-Direttiva tal-VAT, biex japplika, fl-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali tal-VAT, li tipprevedi miżuri b'rata fissa fir-rigward tal-VAT mhux deduċibbli imposta fuq in-nefqa tal-fjuwil fil-karozzi tal-kumpaniji, u li tiddevja mir-regoli ġenerali stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT.

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-25 ta' Marzu 2026, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-miżura speċjali msemmija hawn fuq anke wara l-31 ta' Diċembru 2026.

Il-Kummissjoni għaddiet it-talba sottomessa mir-Renju Unit lill-Istati Membri l-oħra fl-24 ta' Lulju 2026. Permezz ta' ittra bid-data tad-29 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-Direttiva tal-VAT tipprevedi, bħala regola, li l-VAT fuq ix-xiri hija deduċibbli minn persuni taxxabbli sa fejn tintuża għall-fini ta' tranżazzjonijiet intaxxati. Għalhekk il-VAT, relatata mal-użu privat ta' oġġett tan-negozju, ma tistax titnaqqas. Sussegwentement, il-VAT fuq l-użu privat għandha tiġi kontabbilizzata jekk, fir-rigward ta' oġġett ta' użu mħallat (oġġett użat kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll privati), l-ammont totali tal-VAT ikun tnaqqas fil-mument tax-xiri.

Fil-każ tal-karozzi tal-kumpaniji li jintużaw parzjalment għal skopijiet privati (mhux kummerċjali), spiss ikun diffiċli u ta' piż biex jiġi kkalkulat b'mod preċiż l-użu privat u jkunu meħtieġa rekords dettaljati tal-kilometraġġ.

F'dan il-kuntest, ir-Renju Unit qed jopera, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, skema speċjali tal-VAT biex jintaxxa l-użu privat, ibbażata fuq il-kilometraġġ privat medju (kif iddeterminat mill-Istħarriġ Nazzjonali tal-Ivvjaġġar tad-Dipartiment tat-Trasport u l-Aġenzija taċ-

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj.

2 ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87.

3 Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512 tat-22 ta' Marzu 2021 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 103, 24.3.2021, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/512/oj).

Ċertifikazzjoni tal-Vetturi) flimkien mal-konsum tal-fjuwil għal kull kilometru, li jiġi kkalkolat abbażi tal-klassifikazzjonijiet tal-emissjonijiet tas-CO_2, u l-prezz bl-imnut tal-fjuwil tat-triq.

Din l-iskema bbażata fuq rata fissa ġiet awtorizzata, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512, sal-31 ta' Diċembru 2023. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2907[5] estendiet l-awtorizzazzjoni sat-31 ta' Diċembru 2026.

L-iskema speċjali hija fakultattiva għall-persuni taxxabbli li minflok jistgħu jagħżlu li jnaqqsu l-VAT fuq il-fjuwil abbażi tar-rekords dettaljati tal-kilometraġġ.

Skont ir-Renju Unit, din l-iskema għadha preċiża u wasslet għal simplifikazzjonijiet sostanzjali kemm għan-negozji fl-Irlanda ta' Fuq kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa peress li, fil-prattika, huwa ta' piż li jinżammu rekords dettaljati tal-kilometraġġ kif ukoll li dawn ir-rekords jiġu awditjati.

F'dan l-isfond, ir-Renju Unit talab, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-awtorizzazzjoni biex mill-1 ta' Jannar 2027 ikompli japplika d-deroga. Madankollu, jenħtieġ li d-deroga tkun limitata fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2029, biex tkun tista' ssir valutazzjoni dwar jekk l-skema speċjali tibqax tirrifletti b'mod korrett it-tqassim globali bejn l-użu kummerċjali u dak privat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-Artikolu 176 tad-Direttiva tal-VAT jistipula li l-Kunsill għandu jiddetermina n-nefqa li fir-rigward tagħha l-VAT ma tistax titnaqqas. Sa dak iż-żmien, dan l-Artikolu jawtorizza lill-Istati Membri jżommu l-esklużjonijiet previsti fid-drittijiet nazzjonali tagħhom fl-1 ta' Jannar 1979. Għalhekk, hemm għadd ta' dispożizzjonijiet "standstill" li jirrestringu d-dritt għal tnaqqis b'rabta mal-karozzi tal-passiġġieri.

Minkejja l-inizjattivi preċedenti biex jiġu stabbiliti regoli li skonthom il-kategoriji tan-nefqa jistgħu jkunu soġġetti għal restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis[6], din l-iskema speċjali hija xierqa sakemm jiġu armonizzati dawn ir-regoli fil-livell tal-UE.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva tal-VAT.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Meta titqies id-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-VAT li fuqha hija bbażata, il-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi rrispettat fil-livell tad-Direttiva tal-VAT.

- **Proporzjonalità**

Id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni mogħtija lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fuq talba tiegħu stess, u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

---

5 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2907 tal-21 ta' Diċembru 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni (ĠU L, 2023/2907, 27.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2907/oj).

6 Proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE bl-għan li jiġu ssimplifikati l-obbligazzjonijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM (2004) 728, ĠU C 24, 29.1.2005, p. 10) irtirata fil-21 ta' Mejju 2014 (ĠU C 153, 21.5.2014, p. 3).

Minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-iskema speċjali, hija proporzjonata mal-għan li għandu jintlaħaq, jiġifieri biex jiġu ssimplifikati l-obbligi u l-ġbir tal-VAT f'settur speċifiku. L-iskema tibqa' fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

Skont l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT tista' tingħata biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni. L-aktar strument adattat huwa Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, peress li tista' tiġi indirizzata individwalment.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma saret l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. Din il-proposta hija bbażata fuq talba tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq u tikkonċerna biss lill-Irlanda ta' Fuq.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma kienx meħtieġ għarfien espert estern.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Id-Deċiżjoni proposta timmira li tippermetti lir-Renju Unit, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, ikompli sistema li tissimplifika l-ġbir u l-obbligi tal-VAT b'rabta man-nefqa tal-fjuwil għall-vetturi tal-kumpaniji użati parzjalment għal finijiet mhux kummerċjali u għalhekk, għandha impatt potenzjali pożittiv.

Għall-persuni taxxabbli li jagħżlu li jużaw din is-sistema, din id-Deċiżjoni tnaqqas il-piż amministrattiv u l-kostijiet tal-konformità billi tneħħi l-ħtieġa li jinżammu rekords dettaljati tal-kilometraġġ tal-karozzi kollha tal-kumpaniji għal finijiet tal-VAT. Dawn ir-rekwiżiti għaż-żamma tar-rekords aktarx jirrikjedu ħafna ħin u spiss jimponu piżijiet amministrattivi sinifikanti għal ammonti relattivament żgħar ta' taxxa. Il-metodu tas-simplifikazzjoni jnaqqas ukoll il-piżijiet għall-awtoritajiet tat-taxxa, li kieku kien ikollhom jivverifikaw ħafna każijiet individwali.

Barra minn hekk, minħabba l-kamp ta' applikazzjoni ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni bi skadenza, l-impatt dejjem se jkun limitat.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżura mhu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni provenjenti mill-VAT.

F'dan il-kuntest, qed jiġi mfakkar li f'konformità mal-Artikolu 8, it-tieni paragrafu, tal-Qafas ta' Windsor, id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li huma taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

Il-proposta tinkludi klawżola ta’ estinzjoni: skadenza awtomatika stabbilita għall-31 ta’ Diċembru 2029.

2026/0291 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 fir-rigward ta' estensjoni tal-awtorizzazzjoni biex ir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1), l-ewwel subparagrafu, tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512[2] tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, sal-31 ta' Diċembru 2026, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE sabiex jiffissa, fuq bażi ta' rata fissa, il-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) marbut man-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati ("il-miżura speċjali").

(2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-25 ta' Marzu 2026, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-miżura speċjali anke wara l-31 ta' Diċembru 2026.

(3) Skont l-Artikolu 395(2), it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2006/112/KE, permezz ta' ittri bid-data tas-24 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni bagħtet it-talba mressqa mir-Renju Unit lill-Istati Membri. Permezz ta' ittra bid-data tad-29 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

(4) Skont l-informazzjoni li pprovda r-Renju Unit fir-rikjesta tiegħu, il-miżura speċjali u fakultattiva għall-persuni taxxabbli, ipprovdiet proċedura simplifikata effiċjenti għall-ġbir tal-VAT fir-rigward tan-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi tax-xogħol użati parzjalment għal skopijiet privati, kemm għall-persuni taxxabbli kif ukoll għall-awtorità tat-taxxa. Skont ir-Renju Unit, is-sitwazzjoni fattwali li tiġġustifika l-applikazzjoni tal-miżura speċjali ma nbidlitx.

---

1 ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj.

2 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/512 tat-22 ta' Marzu 2021 li tawtorizza lir-Renju Unit japplika, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 103, 24.3.2021, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/512/oj).

(5) Għaldaqstant jixraq li l-applikazzjoni tal-miżura speċjali tiġi estiża. Jenħtieġ li dik l-estensjoni jkollha skadenza biex ikun jista' jsir monitoraġġ xieraq mir-Renju Unit dwar jekk il-proporzjon tal-VAT, iffissat fuq bażi ta' rata fissa, għadux jirrifletti b'mod korrett in-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tal-miżura speċjali tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2029.

(6) Jekk ir-Renju Unit jixtieq li l-miżura speċjali terga' tiġġedded wara l-31 ta' Diċembru 2029, jenħtieġ li huwa jippreżenta talba, flimkien ma' rapport, lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2029.

(7) F'konformità mal-Artikolu 8, it-tieni paragrafu tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq (li issa jissejjaħ il-Qafas ta' Windsor[3]) għall-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[4], id-dħul li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet li jkunu taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq ma għandux jingħata lill-Unjoni. Għalhekk, il-miżura speċjali mhu se jkollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni provenjenti mill-VAT.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/512 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

B'deroga mill-Artikoli 16 u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit jingħata l-awtorizzazzjoni li, sal-31 ta' Diċembru 2029, jiffissa, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, fuq bażi ta' rata fissa, il-proporzjon tal-VAT marbut man-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati.

Kwalunkwe talba għal estensjoni tal-miżura prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2029, flimkien ma' rapport li juri l-effettività tal-miżura speċjali u l-kisba tal-objettivi tagħha. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni dwar jekk il-proporzjon tal-VAT għadux jirrifletti b'mod korrett in-nefqa fuq il-fjuwil għall-karozzi kummerċjali użati għal finijiet privati.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

[3] ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87.
[4] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President